MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 72/2005

**Caruana Raymond**

**vs**

**Buttigieg Saviour**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas lill-esponenti s-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm532.66c) dovut bhala prezz ta’ xoghol ezegwit mill-attur fuq struzzjonijiet u fl-interess tieghek fi 3, Triq Frenc ta’ L-Gharb, Gharb Ghawdex, oltre l-interessi fuq din is-somma dekorribli mid-data tal-10 ta’ Dicembru 2004 sad- data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru 2004 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u ezagerat kif ukoll li certu xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi l-konvenut fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2005 irtira l-eccezzjoni tieghu li certu xoghol sar hazin u ghalhekk l-unika tilwima li baqghet bejn il-partijiet kontendenti hi dwar jekk l-ammont pretiz kienx eccessiv jew le.

Illi l-piz tal-prova dwar it-termini tal-ftehim li sar mal-konvenut, inkluzi ghamla ta' xoghlijiet u modalita' ta' hlas, kif ukoll il-quantum ta' xoghol u l-prezz ta' materjal uzat in ezekuzzjoni tal-ftehim tal-appalt ilkoll jinkombu fuq l-attur. Galadarba imbaghad iressaq id-debiti provi fir-rigward, il-piz tal-prova jintrefa' minn fuq spallejn l-attur u jkun jinkombi fuq il-konvenut li jressaq provi in sostenn tal-unika eccezzjoni tieghu li ghadu jsostni, u cioe' li l-prezz kien esagerat.

Illi jirrizulta – u dan ma kienx punt ikkontestat – illi l-ftehim kien li x-xoghol isir bil-gurnata, bir-rata ta' LM3 fis-siegha (ara konferma mill-konvenut a fol 30 tal-process) u li l-materjal jixtrieh l-attur a spejjez tal-konvenut. Fil-fatt l-attur qabbad ukoll xi hadd jghinnu, u ta' dan nizzel rata sahansitra inqas, u cioe' ta' LM2 s-siegha.

Illi in sostenn tat-talba tieghu, l-atturipprezenta kont iddettaljat (RC-1 sa RC-5 a fol 18 sa 22) li jikkonsisti f'zewg partijiet – l-ewwel wahda tal-materjal mixtri minnu, u t-tieni tas-sieghat ta' xoghol mahduma. F'dan il-kont

imkien ma hemm deskrizzjoni tax-xoghol esegwit imma l-attur patta ghal dan in-nuqqas billi ddeskriva x-xoghol li ghamel waqt il-kontro-ezami li sarlu (fol 16). Il-konvenut, ikkontro-ezaminat, qabel max-xoghol li ddeskriva li esegwixxa l-attur, bl-eccezzjoni tat-trinek (fol 34). Dwar il-materjal mixtri, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Komplessivament dan jammonta ghas-somma ta' LM215.66c.

Illi l-konvenut, in sostenn tal-eccezzjoni tieghu li l-kont kien esagerat:

(a) gieb stima li tammonta ghal LM207.39. Din pero' ma taghtix stampa kompleta tal-ammont li huwa tabilhaqq dovut billi

(i) ma tinkludix il-materjal kollu uzat
(ii) hija mahduma a bazi tar-rati korrenti fis-suq ghal xoghol ta' stallazzjoni ta' elettriku u plumbing u mhux bil-gurnata kif kien il-ftehim bejn il-partijiet kontendenti. Hekk per ezempju fil-kont hemm imnizzla r-rata ta' LM7 ghal kull point tad-dawl imwahhal.
(iii) Mhux mahduma fuq ix-xoghol kollu li fil-fatt esegwixxa l-attur.
(iv) L-istima hija sahansitra inqas mill-prezz ta' materjal adoparat mill-attur, fis-somma ta' LM215.66.

(b) qal li l-attur stess qallu li ma kienx hemm iktar minn jumejn xoghol. Iktar tard ikkorega ruhu u qal lli l-attur qallu li ma kienx hemm iktar minn erbat ijiem xoghol b'kollox (fol 29). L-attur ma rribattiex din l-allegazzjoni. L-attur jaghmel erbatax-il jum xoghol kalkolat a bazi ta' tmien (8) sighat xoghol kuljum. Il-konvenut ma jidhirx li qaghad jikkontrolla jekk fil-fatt l-attur hadimx is-sieghat li jallega li hadem l-istess attur fil-kont tieghu.

Illi dan it-Tribunal ghandu l-kompitu xejn pjacevoli – izda li huwa marbut li jaghmel - li joqghod jikkalkula jekk hux verosimili li l-attur hadem b' 14-il jum xoghol – ammont ferm superjuri ghall-erbat ijiem xoghol imsemmijin mill-konvenut. Fin-nuqqas ta' provi konkreti fir-rigward, irid jesegwixxi dan l-inkariku *ex eaquo et bono* u cioe'

jaghmel gudizzju ekwitattiv skond il-bon sens. Dan huwa konformi ma' wiehed mill-iskopijiet li ghalihom twaqqaf it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u li ghat-twettiq taghhom gie ffakoltizzat permezz tal-artiklu 7(1) ta' Kap 380.

Illi x-xogholijiet li ghamel l-attur, skond kif qal huwa stess huma dawn:

1. iccekkjar ta' pajpijiet
2. bdil ta' fittings konnessi mat-tank tal-ilma; qlugh tal-istess tank u tpoggija tieghu mill-gdid fuq il-post
3. qlugh u tpoggija mill-gdid ta' geyser.
4. konessjoni ta' pajpijiet u fittings biex isir shower isfel
5. qatta l-hajt biex il-bajjad ikun jista' jghaddi d-drain
6. baxxa l-art tat-toilet
7. biddel il-wiring ta' kamra kbira bil-hnejjiet
8. irrangar (sic) ta' sink tal-kcina u tank iehor; u l-main ta' fejn il-bieb li ma kellux pressa.

It-Tribunal isibha ferm difficli biex jemmen li dawn ix-xogholijiet hadu mija u tlettax-il siegha biex saru. Arbitrio boni viri jqis li saru b'9 ijiem xoghol cioe' 72 siegha xoghol li qieghed jikkalkula bir-rata tat-tlett liri fis-siegha li jigu LM216.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM431.66c. L-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta' din is-sentenza u l-ispejjez jigu spartiti kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------